CRPD

# RAPPORT ANNWALI **2016**

WWW.CRPD.ORG.MT

# L-Impenn

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità hija impenjata li tara li s-soċjetà Maltija hija inklussiva, b'mod li l-persuni b'diżabilità jistgħu, permezz ta' opportunitajiet indaqs fl-aspetti kollha tal-ħajja, jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom bħala persuni li jgawdu minn kwalità għolja tal-ħajja. Sabiex twettaq dan l-impenn, is-CRPD taħdem sabiex is-soċjetà telimina kull forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra persuni b'diżabilità jew il-familji tagħhom filwaqt li tipprovdi l-għajnuna u s-sapport meħtieġ.

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)**
Bugeia Institute
Triq Braille
Santa Venera SVR 1619

**Tel:** 2278 8555
**SMS biss:** 7978 8555
**Imejl:** helpdesk@crpd.org.mt
**www.crpd.org.mt**

Dan ir-rapport jista' jinkiseb mill-websajt tas-CRPD
u fuq awdjo bil-Malti mill-uffiċċji tas-CRPD.
Sommarju faċli-biex-taqra jista' jinkiseb ukoll mill-websajt tas-CRPD.

# Werrej


**01.** Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ____ 5

**02**. Att dwar Opportunitajiet Indaqs ____ 11

**03**. Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ____ 13

**04**. Żvilupp ta' 'Policies' ____ 15

**05.** Strateġija għall-Politika Nazzjonali dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ____ 23

**06**. Laqgħat ma' Organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-Qasam tal-Persuni b'Diżabilità ____ 24

**07.** Laqgħat u Attivitajiet ma' Entitajiet Oħra ____ 25

**08.** Proġetti tas-CRPD li Ntemmu u Oħrajn li Għadhom Għaddejjin ____ 29

**09.** Proġetti Ġestiti minn Entitajiet Oħra ____ 31

**10**. 'Re-branding' tas-CRPD ____ 33

**11.** Teknoloġija Assistiva ____ 34

**12.** Kunsilli Lokali ____ 35

**13.** Bordijiet tas-CRPD ____ 37

**14.** Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità ____ 41

**15.** Programm ta' Taħriġ dwar Oqsma tad-Diżabilità ____ 43

**16.** Ċentru ta' Riżorsi Wenzu Dalli ____ 45

**17.** Ċentru għall-Ħajja Indipendenti Sonia Tanti ____ 47

**18.** Karta tal-Identità Speċjali ____ 49

**19.** Servizz Għajnuna Speċjali u Skema ta' Ħlas Lura tal-VAT ____ 51

**20.** Blue Badge ____ 53

**21.** Benefiċċji fuq Vetturi ____ 55

Appendiċi ____ 57



01
KAPITLU

# Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

## 1.1 IT-TWAQQIF TAS-CRPD

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) twaqqfet l-ewwel darba fit-3 ta' Novembru 1987, bħala l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) meta l-Ministru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien, l-Onor. Dr Louis Galea, ħareġ dikjarazzjoni parlamentari fejn ħabbar il-ħatra tal-ewwel membri tas-CRPD.

Fl-10 ta' Frar 2000, is-CRPD ġiet imwaqqfa statutorjament permezz tal-Att Nru 1 għas-sena 2000, l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Skont Artiklu 22 ta' dan l-istess Att:

Il-Kummissjoni, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet differenti ta' tfal, nisa u rġiel b'diżabilità, għandha:

(a) tidentifika, tistabbilixxi u taġġorna kull prinċipju ta' eżekuzzjoni nazzjonali li sew direttament sew indirettament ikollu x'jaqsam ma' affarijiet ta' diżabilità;

(b) tidentifika l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u tieħu dawk il-passi kollha meħtieġa jew tipproponi miżuri xierqa sabiex kemm jista' jkun tipprovdi għal dawk il-ħtiġijiet;

(ċ) tiżgura li kull programm tal-Gvern li jkun jolqot l-affarijiet u l-interessi ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, jitwettaq skont il-prinċipji ta' eżekuzzjoni nazzjonali dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mad-diżabilità;

(d) tiżgura li jkun hemm il-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-dipartimenti u aġenziji kollha tal-Gvern fit-twettiq ta' miżuri, servizzi jew inizjattivi li jiġu proposti mill-Gvern jew mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien;

(e) iżżomm kuntatt dirett u kontinwu ma' korpi lokali u barranin li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, u ma' gruppi, aġenziji jew individwi oħra skont il-ħtieġa;

(f) tissorvelja l-għoti ta' servizzi offruti mill-Gvern jew l-aġenziji tiegħu jew minn kull persuna jew grupp ta' persuni oħra, meta l-klijenti ta' dawk is-servizzi jkunu persuni b'diżabilità;

(ġ) taħdem biex titneħħa kull diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità;

(g) twettaq investigazzjonijiet ġenerali bil-għan li tistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jitħarsu;

(għ) tinvestiga dawk l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris ta' dispożizzjoni ta' dan l-Att f'xi każ individwali u, meta dan ikun jista' jsir, tikkonċilja għar-rigward ta' dawk l-ilmenti;

(h) tidħol fil-mertu ta' kwistjonijiet, u tiddeċiedi dwarhom, meta dawn jiġu lilha riferuti mill-Ministru;

(ħ) tipprovdi għajnuna, skont iċ-ċirkostanzi, lil persuni b'diżabilità fil-ksib ta' jeddijiethom bis-saħħa ta' dan l-Att;

(i) tibqa' tissorvelja t-tħaddim ta' dan l-Att u, meta l-Kummissjoni jkun hekk jidhrilha jew hekk tinħtieġ li tagħmel mill-Ministru, tabbozza u tissottometti lill-Ministru proposti għal emendi fl-Att;

(ie) teżamina liġijiet, u (meta l-Ministru hekk jitlobha li tagħmel) tipproponi liġijiet, bil-għan li taċċerta jekk il-liġijiet attwali jew proposti jkunux jew jistgħux ikunu inkonsistenti mal-għanijiet ta' dan l-Att jew imorru kontrihom, u jwasslu rapport lill-Ministru dwar ir-riżultati ta' kull analiżi simili;

(j) tipprovdi dawk is-servizzi kollha li jistgħu jinħtieġu jew jintalbu mill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha;

(k) tiġbor, tanalizza u tippubblika statistika dwar il-qasam tal-persuni b'diżabilità li, fost ħwejjeġ oħra, tkun turi l-livell nazzjonali milħuq fil-politika dwar l-inklużjoni;

(l) is-setgħa li tieħu kull azzjoni adatta, li tkun tinkludi miżuri amministrattivi proporzjonati u azzjoni ġudizzjarja, sabiex telimina d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità kif imfissra f'dan l-Att;

(m) tqajjem kuxjenza u trawwem ir-rispett lejn id-drittijiet u d-dinjità ta' persuni b'diżabilità, tegħleb sterjotipi, preġudizzji u prattiċi dannużi fir-rigward ta' persuni b'diżabilità, li jkunu jinkludu dawk bażati fuq il-ġeneru u l-età tal-persuna, f'kull qasam tal-ħajja;

(n) tqajjem kuxjenza dwar il-kapaċitajiet u l-kontribuzzjonijiet li jagħmlu persuni b'diżabilità;

(o) tipprovdi l-mekkaniżmu indipendenti sabiex tippromwovi, tipproteġi u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u ta' kull Protokoll Opzjonali relattiv kif irratifikat minn Malta; u

(p) sabiex jissorvelja Ordnijiet ta' Kustodja.

## 1.2 IL-PERJODU KOPERT MINN DAN IR-RAPPORT

Dan ir-rapport ikopri s-sena kalendarja 2016, kif mitlub minn Artiklu 30 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Dan ir-rapport ma jinkludix il-ħidma li saret mis-CRPD biex tħares l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs. Rapport f'dan ir-rigward jiġi ppubblikat separatament. Minħabba li l-Att daħal fis-seħħ f'Ottubru 2000, ir-rapport annwali bil-ħidma li tikkonċerna l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs ikopri l-perjodu Ottubru 2015-Settembru 2016. Kopja ta' dan ir-rapport tista' tinkiseb mill-uffiċċji tas-CRPD jew mill-webajt tas-CRPD www.crpd.org.mt

## 1.3 L-ISTRUTTURA TAS-CRPD

Il-membri tal-Kunsill tas-CRPD jiġu maħtura mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali (MFSS) wara konsultazzjoni mal-NGOs f'dan il-qasam, għall-perjodu ta' sentejn. Il-bord il-ġdid tas-CRPD kellu l-ewwel laqgħa f'Marzu 2016 u ltaqa' erba' darbiet sakemm ġie xolt f'Awwissu 2016, wara li għaddew l-emendi tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs. Il-bord kien kompost kif jidher f'Tabella 1.1. Wara li għaddew dawn l-emendi, iċ-Ċerpersin tas-CRPD kien promoss għall-pożizzjoni ta' Kummissarju bir-responsabilità li jirregola s-settur tal-persuni b'diżabilità, u jimmoniterja l-implimentazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD).

## 1.4 LAQGĦAT TAL-BORD TAS-CRPD

Matul il-laqgħat tal-bord tas-CRPD fl-2016 ġew diskussi dawn it-temi:

- Rapporti li rċeviet is-CRPD dwar it-tiżjin tal-festi li kienu qed ixekklu l-aċċessibilità tal-bankini
- Il-każ quddiem il-Qorti kontra l-Malta Football Association minħabba aċċessibilità fil-Grawnd Nazzjonali
- Rispons dwar l-Att tal-Blue Badge
- Emendi fil-proċeduri tal-MEPA għall-ivvettjar tal-aċċessibilità
- Tiftix ta' uffiċċji ġodda għas-CRPD
- V18 – Rappreżentazzjoni fuq il-bord
- Sejħa għal Periti biex jaħdmu mas-CRPD
- Proġett tal-EU Disability Card
- Direttivi tal-Malta Union of Teachers (MUT) u l-effetti tagħhom fuq studenti b'diżabilità
- Kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta relatati ma' MEA / Jobs+ 2% Quote
- Tnedija ta' konsultazzjoni dwar Jobs+
- Rispons dwar Transport Policy 2050
- Reserved Parking Review Panel
- V18 Inclusion and Regeneration Policies

## 1.5 IL-FORUM TA' ORGANIZZAZZJONIJIET LI JAĦDMU FIS-SETTUR TAD-DIŻABILITÀ U L-FORUM TA' ORGANIZZAZZJONIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Dawn iż-żewġ Fora twaqqfu wara li s-CRPD assumiet ir-rwol

ta' Mekkaniżmu Indipendenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, partikolarment l-Artiklu li jitlob li l-Mekkaniżmu Indipendenti jinvolvi persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom fl-operazzjoni tal-promozzjoni, protezzjoni u moniteraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Fora huma komposti minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi differenti ta' persuni b'diżabilità flimkien mal-ġenituri ta' tfal b'diżabilità u ta' adulti minn diżabilitajiet severi u multipli. Il-Fora ltaqgħu erba' darbiet matul is-sena biex jiddiskutu temi li ħassew li huma importanti, inkluż oqsma bħax-xogħol, akkomodazzjoni u aċċessibilità.

**TABELLA 1.1** L-istruttura tas-CRPD minn Marzu 2016

| | |
|---|---|
| Mr Oliver Scicluna | **Ċerpersin** |
| Ms Annabelle Xerri | **Deputat Ċerpersin** |
| Ms Marcette Cassar | **Ministeru tas-Saħħa** |
| Dr Paul Debattista | **Ministeru tal-Finanzi** |
| Dr Frank Galea | **Ministeru għal Għawdex** |
| Ing. Anthony Camilleri | **Ministeru għal Affarijiet tal-Unjoni Ewropea** |
| Ms Joanne Ghirxi | **Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol** |
| Dr Anne-Marie Callus | **Università ta' Malta** |
| Fr Martin Micallef | **Arċidjoċesi ta' Malta** |
| Mr Michael Cohen | **Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali** |
| Fr Michael Galea | **NGO (Dar Arka)** |
| Ms Anna Calleja | **NGO (Special Olympics)** |
| Ms Diana Sladden | **Oħt Persuna b'Diżabilità** |
| Ms Melanie Magri | **Oħt Persuna b'Diżabilità** |
| Mr Anthony Zammit Cutajar | **Ġenitur ta' Persuna b'Diżabilità** |
| Mr Pio Fenech | **Federazzjoni Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità** |
| Ms Marthese Mugliette | **Federazzjoni Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità** |
| Mr Sergio Galea | **Persuna b'Diżabilità** |
| Ms Rhoda Garland | **Segretarja** |

## 1.6 ŻJARAT UFFIĊJALI

F'Ġunju, il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv kellhom laqgħa fil-bini tal-Parlament mad-Direttur tal-EU Fundamental Rights Agency, Mr Michael O'Flaherty. Din il-laqgħa kienet dwar it-titjib li kellha Malta fil-leġiżlazzjoni u 'policies' dwar gruppi ta' minoranza bħal persuni b'diżabilità kif ukoll l-ostakli li għad hemm.

Matul l-istess ġurnata l-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv attendew għal seduta parlamentari organizzat mill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti u mill-EU Fundamental Rights Agency.

F'Ottubru, id-Direttur Eżekuttiv attendiet u indirizzat il-Forum Opportunitajiet Indaqs ospitat mill-Partit Nazzjonalista, li jikkonċerna diżabilità u drittijiet.

F'Novembru, rappreżentanti tal-Equinet żaru l-uffiċċji tas-CRPD u kellhom laqgħa mal-Kummissarju, Direttur Eżekuttiv, Ms Lorraine Pleven u Mr Michael Debattista. Matul il-laqgħa l-Kummissarju għarraf lir-rappreżentanti tal-Equinet dwar il-passi 'l quddiem li Malta għamlet fil-leġiżlazzjoni u l-qasam tad-diżabilità.

F'Novembru wkoll, Dr Peter Mozet żar l-uffiċċji tas-CRPD waqt żjara presidenzjali tal-UE, u ltaqa' mad-Direttur Eżekuttiv biex jiddiskuti leġiżlazzjoni u 'policies' fil-qasam tad-diżabilità.

## 1.7 SEGRETARJAT TAS-CRPD

Is-Segretarjat tas-CRPD huwa bbażat f'Bugeia Institute f'Santa Venera. Bħalissa s-Segretarjat jimpjega 30 membru tal-istaff – 25 fuq bażi 'full-time' u 5 fuq bażi 'part-time' jew 'reduced hours'. Erbatax (14) minn dawn huma persuni b'diżabilità. Din is-sena kien hemm l-ingaġġ ta' Mr Paul Pulis u Mr Clayton Block (Draughtspersons), Ms Mary Rose Attard (Assistant Services Officer fl-uffiċċju ta' Għawdex), Mr Michael Debattista (Assistant Manager), Ms Audrey Sciberras (Assistant Services Officer) u Ms Ruth Brignone (Services Officer).

Sabiex tkun tista' tipprovdi s-servizzi bl-aħjar mod possibbli, is-CRPD ingaġġat is-servizzi ta' professjonisti differenti fosthom legali, mediċi, paramediċi, finanzjarji, arkitettoniċi u fil-lingwa tas-Sinjali Maltija.

Is-CRPD tinkoraġġixxi lill-membri tal-istaff fl-iżvilupp professjonali u uman tagħhom b'modi differenti. Dawn jinkludu:

- L-organizzazzjoni ta' Staff Development Day għall-impjegati tas-Segretarjat, li din is-sena trattat l-aċċessibilità ta' postijiet ta' interess storiku f'Għawdex. Mr Matthew Giordmaina, impjegat fis-CRPD li għandu nuqqas ta' dawl u kwalifikat bħala gwida, ħa ħsieb din l-attività.
- L-impjegati fi ħdan it-Taqsima tal-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (EOCU) ingħataw taħriġ dwar

ħiliet fin-negozjar meta jipprovdu medjazzjoni fir-rwoli tagħhom.
- L-impjegati kollha tas-CRPD kienu involuti f'taħriġ dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Marka tal-Ugwaljanza.
- Korsijiet oħra kienu pprovduti sabiex jassistu l-membri tal-istaff fid-dmirijiet tagħhom. Dawn jinkludu l-għarfien dwar il-protezzjoni tad-dejta, epilessija, organizzazzjoni ta' laqgħat u kitba ta' minuti, tenders dipartimentali, regolamenti dwar 'Public Procurement' u applikazzjonijiet fuq l-internet għal proposta ta' proġetti.

## 1.8 IR-RAPPORT ANNWALI TA' ĦIDMA 2015

Ir-Rapport Annwali ta' Ħidma għall-2015 ġie ppreżentat waqt laqgħa li saret fl-4 ta' Lulju 2016 bejn il-Kummissarju, Mr Oliver Scicluna u l-membri tal-istaff. Dan sar bħala turija ta' apprezzament għax-xogħol li twettaq mill-impjegati kollha tas-CRPD. L-Onor. Dr Justyne Caruana, Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva kienet mistiedna għal din il-laqgħa fejn għamlet diskors tal-okkażjoni. Dan ir-rapport jista' jinkiseb mill-uffiċċji tas-CRPD jew mill-websajt tas-CRPD www.crpd.org.mt f'formati aċċessibbli differenti.

## 1.9 FTEHIM KOLLETTIV TAL-KNPD (CRPD)

Fil-bidu ta' April il-meniġment tas-CRPD iltaqa' mal-UĦM u l-PACBU f'okkażjonijiet differenti sabiex jinnegozja it-tiġdid tal-Ftehim Kollettiv tal-KNPD (CRPD). F'Ottubru saret laqgħa bejn l-Unjin u l-impjegati tas-CRPD.

02
KAPITLU

# Att Dwar Opportunitajiet Indaqs

## 2.1 INVESTIGAZZJONI TA' LMENTI SKONT L-ATT DWAR OPPORTUNITAJIET INDAQS

Is-CRPD hija responsabbli li tiżgura li l-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs jiġi osservat b'mod raġonevoli. Għal din ir-raġuni s-CRPD tirċievi lmenti minn persuni b'diżabilità u mill-familjari tagħhom meta jħossu li qed jiġu diskriminati minħabba d-diżabilità tagħhom. Is-CRPD tinvestiga dawn l-ilmenti, tagħmel tentattivi biex tirrimedja s-sitwazzjoni sabiex tinstab soluzzjoni fl-iqsar żmien possibbli, u meta dan ma jkunx possibbli, l-ilmenti jiġu ppreżentati fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jew fil-Qorti. Matul din is-sena s-CRPD ippreżentat disa' protesti ġudizzjarji.

Kif imsemmi f'Taqsima 1.2, ir-Rapport Annwali ta' din il-ħidma jiġi ppreżentat separatament. Dan ifisser li dan ir-Rapport ma jagħtix rendikont tax-xogħol tas-CRPD b'rabta mal-Att. Dan japplika wkoll għall-Bord Dwar X'Inhu Raġonevoli (Test of Reasonableness Board) minħabba li rapport dwaru jiġi ppreżentat fir-Rapport Annwali tal-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs.

Bħala parti mill-infurzar tagħha tal-Att, il-Planning Authority (PA) hija obbligata li tikkonsulta mas-CRPD dwar applikazzjonijiet għal bini ta' żvilupp li jkun miftuħ għal pubbliku u ta' użu maġġuri. Din il-konsultazzjoni tikkonsisti f'żewġ eżerċizzji:

(a) Il-PA tgħaddi l-pjanti lis-CRPD sabiex l-esperti tekniċi tagħha jeżaminaw u jiddeterminaw jekk dawn humiex skont il-Linji Gwida maħruġin mis-CRPD. Dawn il-Linji Gwida huma pubblikati fl-*Access for All Design Guidelines* 2011, li issa huma standards.

(b) Il-PA titlob li żviluppatur jikseb ċertifikat mis-CRPD wara spezzjoni fuq il-post li tikkonferma li bini lest huwa konformi ma' dawn il-Guidelines, qabel ma l-PA tkun tista' toħroġ Compliance Certificate. B'dan il-mod

l-iżviluppatur ikun jista' japplika għas-servizzi tal-ilma u d-dawl. Il-ħidma tas-CRPD fl-ivvettjar ta' pjanti ta' applikazzjonijiet ta' żvilupp tal-PA matul is-sena tidher hawn taħt:

**TABELLA 2.1**

| | Nru |
|---|---|
| Applikazzjonijiet | 1,559 |
| Rakkomandati | 387 |
| Mhux rakkomandati | 1,172 |

Matul l-2016, is-CRPD kompliet bis-servizz ta' konsultazzjoni offrut minn uffiċjal tas-CRPD fl-uffiċċji tal-PA kull Tnejn u Erbgħa filgħodu. Dan sabiex jiġu pprovduti pariri dwar aċċess fiżiku lil dawk li qegħdin fil-proċess li jissottomettu applikazzjonijiet ta' żvilupp.

Matul is-sena s-CRPD kienet ukoll mitluba tivvettja bini lest, sabiex il-PA tkun tista' tipproċedi bil-ħruġ tal-Compliance Certificate. Statistika relatata ma' din il-ħidma tas-CRPD hija ppreżentata hawn taħt:

**TABELLA 2.2**

| | Nru |
|---|---|
| Bini spezzjonat | 80 |
| Bini konfermat bħala aċċessibbli | 60 |
| Bini konfermat bħala mhux aċċessibbli | 20 |

**TABELLA 2.3**

| | Nru |
|---|---|
| Applikazzjonijiet | 290 |
| Rakkomandati | 160 |
| Mhux rakkomandati | 130 |

Din is-sena s-CRPD kompliet taħdem fuq l-ivvettjar ta' pjanti ta' żvilupp li jkunu se jiġu ppreżentati lid-Development Control Committee (DCC) tal-PA. Ix-xogħol imwettaq f'dan ir-rigward jidher f'Tabella 2.3.

F'każijiet fejn jirriżulta li hemm diffikultajiet biex bini jsir aċċessibbli, jiġi applikat it-test dwar x'inhu raġonevoli. Dawn il-każijiet jiġu riferuti lill-Bord dwar x'inhu Raġonevoli (Test of Reasonableness Board), li jeżamina jekk in-nuqqas ta' aċċessibilità fil-bini hix raġonevoli jew le. Kif diġà spjegat f'2.1, figuri statistiċi dwar il-ħidma tal-bord jistgħu jinkisbu mir-Rapport Annwali tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs maħruġ mis-CRPD.

03
KAPITLU

# Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

## 3.1

Wara li Malta rratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, is-CRPD assumiet ir-rwol ġdid ta' mekkaniżmu indipendenti li jipproteġi, jippromwovi u jimplimenta din il-Konvenzjoni.

Sabiex tagħmel dan bl-aħjar mod possibbli, is-CRPD tiżgura li tibqa' aġġornata bl-aħħar żviluppi fil-qasam tad-diżabilità fil-kuntest lokali u internazzjonali. Dan isir permezz ta' laqgħat ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità, organizzazzjonijiet immexxija minn ġenituri kif ukoll NGOs oħrajn fil-qasam tad-diżabiità sabiex tiġbor rispons mingħandhom matul is-sena.

Fuq livell internazzjonali, is-CRPD iżżomm kuntatt fil-qrib mal-European Disability Forum, Equinet, id-Disability Rights Committee fi ħdan l-Equality and Human Rights Commission fir-Renju Unit, Disability Wales u Inclusion Europe.

## 3.2

Is-CRPD tikkontribwixxi wkoll fix-xogħol kontra d-diskriminazzjoni fuq livell internazzjonali, inkluż fil-kuntest Ewropew.

## 3.3

Is-CRPD ipparteċipat f'ħafna konferenzi internazzjonali organizzati mill-Unjoni Ewropea u l-Equinet, li huwa netwerk ta' entitajiet awtonomi Ewropej li jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet. Dawn il-konferenzi kienu jinvolvu diskussjoni dwar il-Liġi

Ewopea tad-Diżabilità, it-tisħiħ ta' trattament indaqs fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u akkomodazzjoni raġonevoli f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċessibilità. Minn żmien għal żmien is-CRPD tirċievi numru ta' kwestjonarji sabiex jimtlew għal raġunijiet ta' riċerka.

Matul l-2016, is-CRPD kienet mitluba tikkontribwixxi permezz ta' kwestjonarji relatati ma' dawn is-suġġetti:

- Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-European Disability Strategy 2010-2020;
- Talbiet mill-Kunsill tal-Ewropa għal rapport tal-Progress dwar ix-xogħol, taħriġ u opportunitajiet indaqs f'Malta;
- Rapport tal-OHCHR dwar Artiklu 5 tal-UNCRPD (Ugwaljanza u Nuqqas ta' Diskriminazzjoni);
- Rispons dwar faċilitajiet ta' Child Day Care Centre;
- Stħarriġ ieħor tal-Equinet.

## 3.4

Matul l-2016 is-CRPD kompliet taħdem mal-Vodafone Foundation, FITA u l-Kunsilli Lokali biex tinħoloq applikazzjoni ġdida fuq il-mowbajl li tipprovdi stampa ċara ta' postijiet aċċessibbli madwar Malta u Għawdex, inkluż mappi.

## 3.5

Is-CRPD kienet involuta f'laqgħat mal-EPALE, pjattaforma Ewropea għal edukazzjoni ta' tagħlim għall-adulti, biex tiddiskuti t-tagħlim tul il-ħajja. Dawn il-laqgħat saru fl-Imsida, Floriana u l-Belt Valletta.

## 3.6

Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv iltaqgħu mal-Awtorità tax-Xandir biex jiddiskutu r-rappreżentazzjoni ta' persuni b'diżabilità fuq it-televixin u l-użu ħażin ta' terminoloġija u sterjotipi.

## 3.7

Il-Kummissarju tas-CRPD iltaqa' mal-Malta Enterprise biex jiddiskutu x-xogħol li tagħmel u modi kif iż-żewġ naħat jistgħu jaħdmu flimkien.

## 3.8

Id-Direttur Eżekuttiv iltaqgħet maċ-Ċermen ta' Jobs+ f'diversi okkażjonijiet biex jiġi żgurat li d-dejta użata biex tipprovdi informazzjoni dwar il-kwota ta' 2% għax-xogħol ta' persuni b'diżabilità kienet preċiża.

## 3.9

Il-Kummissarju ltaqa' ma' Mr George Vella (Assoċjazzjoni tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ) dwar il-proviżjoni ta' Servizzi ta' Emerġenza għal persuni neqsin mis-smigħ, u bħalissa qed jaħdem mal-Pulizija biex ittejjeb is-servizz li qed jingħata.

04
KAPITLU

# Żvilupp ta’ ‘Policies’

Is-CRPD għandha r-rwol li tiżviluppa u tikkoordina x-xogħol imwettaq fuq ’policies’ fil-qasam tad-diżabilità. Dan jintlaħaq billi jiġi żgurat li programmi, miżuri, servizzi u inizjattivi tal-Gvern u l-aġenziji tiegħu jindirizzaw il-qasam tal-persuni b’diżabilità filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet u l-bżonnijiet tagħhom. Is-CRPD taħdem ukoll biex tiżgura koordinazzjoni bejn dawn l-entitajiet f’dan ir-rigward.

## 4.1 TURIŻMU

Is-CRPD ħadmet matul is-sena mal-Ministeru tat-Turiżmu u l-Malta Tourism Authority (MTA) fuq ‘policies’. F’Jannar, inħolqot il-Hotels Accessible Checklist li tipprovdi lil-lukandi bl-opportunità li jiġu rikonoxxuti bħala postijiet aċċessibbli. Fi Frar saru laqgħat biex jiġi diskuss il-fuljett Tourism for All. Matul is-sena twettaq xogħol fuq ‘policy’ dwar Turiżmu Inklussiv.

Is-CRPD ħadmet flimkien mal-ITS biex tipprovdi lill-istudenti għall-gwida tat-turs, l-opportunità li jipprovdu turs li jkunu aċċessibbli lil grupp ta’ persuni b’nuqqasijiet differenti.

Is-CRPD ħadmet ukoll mal-ITS biex tintroduċi modulu fil-korsijiet tagħha dwar aċċessibilità għal kulħadd. Saru aktar laqgħat mal-Ministeru għat-Turiżmu u l-ITS dwar il-kwistjoni tal-aċċessibilità.

F’Marzu s-CRPD ikkollaborat fil-konferenza dwar Aċċessibilità għal Kulħadd organizzata mill-Ministeru għat-Turiżmu b’kollaborazzjoni mas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità.

F’April saru laqgħat mal-Ministeru għat-Turiżmu u l-Malta Tourism Authority (MTA) biex jiġi rivedut l-istatus ta’ bajjiet aċċessibbli. F’Ġunju komplew id-diskussjonijiet permezz ta’ laqgħat bejn is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta’

Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva (PSDAA), CRPD u l-MTA fejn reġgħu ddiskutew l-aċċessibilità tal-bajjiet.

F'Ġunju saret laqgħa bejn l-ITS u s-CRPD biex jiġi diskuss il-korsijiet għall-Gwida tat-Turs. Din il-laqgħa kienet segwita b'laqgħa oħra f'Ottubru.

F'Ġunju l-Kummissarju kellu laqgħa ma' Mr Karlston Xuereb, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Valletta 2018 biex jiddiskutu kif attivitajiet organizzati minn, jew flimkien mal-Fondazzjoni Valletta 18, ikunu iżjed inklussivi. Matul il-laqgħa sar qbil li s-CRPD tiddraftja 'policy' ta' inklużjoni għal Valletta 2018. Il-Kummissjoni ħolqot grupp ta' ħidma li jinkludi lill-Kummissarju, Direttur Eżekuttiv, kif ukoll impjegati tas-CRPD fl-EOCU u fl-Access Team biex jaħdmu fuq din il-'policy'. Din il-'policy' kienet preżentata lill-awtoritajiet f'laqgħa li saret f'Lulju. Il-Kummissarju attenda wkoll għal laqgħat tal-Bord V18.

F'Lulju l-Kummissarju flimkien ma' Mr Matthew Giordmaina, uffiċjal tas-CRPD u gwida tat-turs kif ukoll uffiċjali tal-PSDAA ltaqgħu ma' rappreżentanti ta' Heritage Malta fil-Mużew Arkeoloġiku fi Triq ir-Repubblika l-Belt biex jagħtu pariri dwar aċċessibilità madwar il-mużew.

F'Settembru l-Kummissarju ġie mistieden mill-Ministeru għat-Turiżmu u l-PSDAA biex jattendi għal World Tourism Day fil-Lukanda Hilton fejn it-tema kienet Turiżmu u Aċċessibilità. Mr Scicluna għamel indirizz lill-istampa.

Matul is-sena saru laqgħat bejn l-ITS u s-CRPD biex jiġi diskuss Memorandum of Understanding. F'Diċembru, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Dr Edward Zammit Lewis u s-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva l-Onor. Dr Justyne Caruana attendew għall-iffirmar ta' dan il-ftehim bejn id-Direttur tal-ITS Mr Pierre Fenech u l-Kummissarju tas-CRPD.

## 4.2 ABBOZZ TAL-BLUE BADGE

Is-CRPD iltaqgħet mal-PSDAA u l-Pulizija biex taħdem fuq il-kitba tal-Abbozz tal-Blue Badge. Kien hemm ukoll laqgħat mad-Direttur u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-LESA diversi drabi matul is-sena.

F'Marzu l-Kummissarju ppreżenta abbozz tal-Concession for the Reserved Parking of Persons with Disability Act (Blue Badge Act) lill-membri tal-Kabinett.

F'Mejju saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Dr Stefan Buontempo dwar l-infurzar kontra l-abbuż tal-Blue Badge u r-reserved parking.

F'Ottubru saret laqgħa ma' Transport Malta u l-Pulizija dwar l-infurzar tal-Att dwar il-Blue Badge.

## 4.3 RESERVED PARKING GĦAD-DETENTURI TAL-BLUE BADGE

Is-CRPD iltaqgħet mal-PSDAA u Transport Malta biex taħdem fuq abbozz ta' 'policy' ġdida tar-reserved parking għad-detenduri tal-Blue Badge. Sussegwentement, il-Kummissarju ltaqa' mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto u t-tabib li jeżamina l-applikanti tar-reserved parking biex jiddiskutu iżjed il-'policy' bħala parti mill-proċess ta' abbozzar. Wara dan kien hemm laqgħa oħra mal-PSDAA u Transport Malta biex jaħdmu fuq l-abbozzar tal-'policy'. F'Settembru l-Kummissarju u Ms Jessica Schembri, uffiċjal fl-EOCU, ippreżentaw l-Att ġdid tal-Blue Badge lill-Kummissarju tal-Pulizija u lit-tim tiegħu.

## 4.4 VOTAZZJONI U ELEZZJONIJIET

Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv iltaqgħu mal-KPMG biex jiddiskutu l-proċess elettorali. Aktar tard, id-Direttur Eżekuttiv attendiet konferenza dwar Votazzjoni Elettronika.

## 4.5 SPORTS

Is-CRPD kellha laqgħat mal-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żagħżagħ u Sport, u Sport Malta biex tiddiskuti l-kompożizzjoni tal-kumitat ġdid, Malta Paralympic Committee. Matul is-sena saru laqgħat biex jiffinalizzaw l-istatut kif mitlub mill-International Paralympic Committee.

## 4.6 EDUKAZZJONI

a. Is-CRPD iltaqgħet mad-Direttorat tas-Servizzi tal-Istudenti biex tiddiskuti l-kwistjoni tal-Learning Support Assistants (LSAs).
b. Id-Direttur Eżekuttiv tas-CRPD ġiet mistiedna tkun parti mill-Board of Governors tal-MCAST.
ċ. Il-Kummissarju tas-CRPD kien mistieden jattendi għall-Green Flag Award Celebration Ceremony li nżammet fil-Helen Keller Resource Centre tal-Qrendi.
d. In-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE) u s-CRPD iffirmaw Memorandum of Understanding li se jtejjeb ix-xogħol bejn iż-żewġ entitajiet. Mr Martin Scicluna, eksċermen iffirma f'isem l-NCFHE filwaqt li Mr Oliver Scicluna, Kummissarju ffirma f'isem is-CRPD.
e. F'Marzu l-Kummissarju ltaqa' mal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor. Evarist Bartolo biex jiddiskutu l-proviżjoni tal-LSAs u l-inklużjoni fl-iskejjel 'mainstream'. Ġew diskussi wkoll pjanijiet futuri.
f. Is-CRPD offriet ukoll is-sapport tagħha biex l-Università ta' Malta tiżgura li studenti b'diżabilità jingħataw

opportunitajiet indaqs f'din l-istituzzjoni permezz tal-Access Disability Support Committee u l-Board of Referral, li jirrevedi appelli kontra deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu dwar arranġamenti speċjali fl-eżamijiet tal-MATSEC.

ġ. F'Ġunju l-Kummissarju ltaqa' mal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor. Evarist Bartolo u l-MUT biex tiddiskuti d-direttivi tal-MUT. Din il-laqgħa kienet segwita b'laqgħa oħra li saret f'Lulju meta l-Kummissarju ltaqa' ma' Mr Kevin Bonello l-President tal-MUT biex jiddiskuti d-Direttivi tal-MUT u l-effetti tagħhom fuq studenti b'diżabilità.

g. F'Ġunju l-Kummissarju kien mistieden jattendi għal Fun Day f'San Miguel Resource Centre u ddiskuta kwistjonijiet relatati ma' diżabilitajiet flimkien mal-ġenituri li jattendu ċ-Ċentru.

għ. F'Ġunju l-Kummissarju, il-PSDAA u Esplora ltaqgħu flimkien biex jiddiskutu inizjattivi li potenzjalment jistgħu jitwettqu bil-kollaborazzjoni ma' xulxin.

h. F'Ottubru l-Kummissarju u Ms Lorraine Pleven, Manager tal-UNCRPD fis-CRPD kienu mistiedna mill-Pathway fl-MCAST biex jiltaqgħu mad-Direttur Ms Tatjana Chircop.

ħ. F'Novembru d-Direttur Eżekuttiv attendiet konferenza organizzata mill-Faculty of Social Well Being u mill-Prorettur bl-isem 'A Truly Accessible University'.

i. F'Diċembru Mr Michael Debattista pparteċipa f'penil ta' diskussjoni organizzat mill-kumitat tal-istudenti fil-Higher Secondary School.

## 4.7 XOGĦOL

a. Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv kellhom laqgħa maċ-Ċermen tal-LSF, Mr N. Farrugia dwar il-proċedura ta' Lino Spiteri Foundation u t-triq 'il quddiem.

b. Is-CRPD iltaqgħet mal-MEA, Jobs+ u l-Kamra tal-Kummerċ biex tiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-infurzar tal-kwota tat-2% dwar l-impjieg ta' persuni b'diżabilità.

ċ. F'Settembru l-Kummissarju ltaqa' mad-Direttur tal-MEA, Mr Joseph Farrugia u l-Helpdesk Manager tas-SMEs, Mr Anton Vella biex jgħarrafhom dwar l-Employer's Tax Deduction Scheme u jiddiskuti kwistjonijiet dwar ix-xogħol.

d. F'Ottubru d-Direttur Eżekuttiv, Mr Michael Debattista u Mr Christian Camilleri attendew għal sessjoni organizzata mill-MEA dwar riċerka kummissjonata mill-istess MEA li fiha ħadu sehem il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv tas-CRPD bħala parti minn 'focus group' ta' riċerka.

## 4.8 PJAN GĦAL DIŻASTRU NAZZJONALI

Is-CRPD iltaqgħet mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili biex tiddiskuti l-Pjan għal Diżastru Nazzjonali u l-bżonn ta' pjan ta' azzjoni speċifiku għal persuni b'diżabilità.

## 4.9 KUMMISSJONI TAL-UGWALJANZA

Is-CRPD iltaqgħet mad-Direttur tal-Kummissjoni tal-Ugwaljanza biex tiddiskuti l-abbozzar ta' Leġiżlazzjoni tal-Ugwaljanza ġdida.

## 4.10 AĊĊESSIBILITÀ

a. Is-CRPD iltaqgħet mal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, MTA u FITA biex issir ħidma ma' Vodafone fuq applikazzjoni tal-mowbajl li tippermetti persuni b'diżabilità jaċċessaw informazzjoni dwar servizzi u postijiet aċċessibbli f'Malta. Matul is-sena saru laqgħat dwar dan.
b. Is-CRPD kellha laqgħa ma' uffiċjali ta' Enemalta inkluż iċ-Ċermen Mr Frederick Azzopardi dwar il-possibilità li jitnaqqsu l-ostakli li jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabilità minħabba arbli f'nofs il-bankini.
ċ. L-MCA għamlet laqgħa ta' konsultazzjoni mas-CRPD dwar proposta ta' proġett tal-ERDF dwar Teknoloġija Assistiva.
d. Is-CRPD rappreżentata mill-Kummissarju, Direttur Eżekuttiv u Ms Marie Barbara (Draughtsperson) kellha serje ta' laqgħat ma' Perit u Project Manager tal-Awtorità tad-Djar dwar proġett li se jtejjeb l-aċċessibilità ta' 200 appartament li nbnew fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet permezz ta' liftijiet u tibdil ieħor infrastrutturali meħtieġ.
e. F'April il-Kummissarju ltaqa' mas-Sindku tal-Gżira Mr Conrad Borg Manché, mal-Kunsilliera Ms Graziella Attard Previ u ma' persuni b'diżabilità mill-istess lokalità.
f. F'April ukoll il-Kummissarju ltaqa' ma' rappreżentanti tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema biex jiddiskuti n-nuqqas ta' aċċessibilità fl-uffiċċji tagħhom.
ġ. F'Lulju l-Kummissarju flimkien ma' rappreżentanti mill-Access Team tas-CRPD iltaqgħu mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imdina biex jiddiskutu l-aċċessibilità tal-Belvedere fl-istess lokalità.
g. F'Settembru s-CRPD kellha laqgħa mal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali biex tiddiskuti l-proġett tal-Ministeru dwar l-aċċessibilità fl-Għases tal-Pulizija.
għ. F'Ottubru s-CRPD kellha laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, fosthom is-Sindku Ms Graziella Galea biex tiddiskuti l-istat tal-infrastruttura u l-aċċessibilità fl-istess lokalità.

## 4.11 EUROPEAN DISABILITY STRATEGY 2010-2020

Fi Frar is-CRPD iltaqgħet mal-Policy Development and Programme Implementation Directorate fi ħdan l-MFSS biex tiddiskuti l-European Disability Strategy. Aktar tard fl-istess xahar kien hemm laqgħa oħra organizzata mill-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea f'Malta li inkludiet rappreżentanti tal-NGOs mill-qasam tad-diżabilità.

## 4.12 SERVIZZI FINANZJARJI

a. F'Marzu s-CRPD iltaqgħet ma' esperti tal-assigurazzjoni biex tiddiskuti l-aċċessibilità ta' servizzi finanzjarji u prodotti ta' assigurazzjoni għal persuni b'diżabilità.
b. Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv iltaqgħu mal-BOV dwar l-aċċessibilità ta' servizzi tal-ICT għal persuni b'diżabilità.
ċ. Il-Kummissarju attenda laqgħa mal-HSBC biex jiddiskuti proġett ta' ATMs aċċessibbli.

## 4.13 AUTISM SPECTRUM EMPOWERMENT ACT

F'April is-CRPD kienet mistiedna mill-PSDAA biex tattendi għat-tnedija tal-Autism Spectrum Empowerment Act waqt konferenza.

F'Mejju l-Kummissarju ltaqa' mal-Membru Parlamentari Ewropew Dr Miriam Dalli biex jiddiskuti l-Autism Spectrum Empowerment Act.

## 4.14 STANDARDS TA' DJAR RESIDENZJALI

F'Ġunju l-Kummissarju kellu laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Istandards fil-Ħarsien Soċjali, Ms Carmen Buttigieg dwar il-moniteraġġ u l-infurzar tal-istandards nazzjonali ta' djar residenzjali.

## 4.15 KUNSILL TAS-SIGURTÀ FIT-TOROQ

F'Settembru s-CRPD kellha laqgħa maċ-Ċermen tal-Kunsill tas-Sigurtà fit-Toroq biex tiddiskuti fost l-oħrajn is-sigurtà ta' 'pedestrians' b'diżabilità.

## 4.16 SUPPORTED DECISION MAKING BILL

Wara li s-CRPD abbozzat is-Supported Decision Making Bill, f'Novembru s-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, l-Onor. Dr Justyne Caruana talbet li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni bejn iċ-Ċermen u r-Reġistratur tal-Guardianship, PSDAA u l-Kummissarju tas-CRPD.

## 4.17 ATT DWAR IL-LINGWA TAS-SINJALI MALTIJA

F'Marzu l-Kummissarju attenda għat-tnedija tas-servizz tal-interpreti tal-lingwa tas-sinjali fi ħdan l-Aġenzija Sapport.

Il-Kummissarju pparteċipa wkoll fil-Kumitat tal-Abbozzi tal-Parlament fejn ġie diskuss l-Att dwar il-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

## 4.18 KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR L-ISTRATEĠIJA NAZZJONALI DWAR ID-DIŻABILITÀ

F'Mejju s-CRPD attendiet għat-tnedija tal-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika għall-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Diżabilità f'attività organizzata mill-PSDAA.

## 4.19 MALTA COMMUNICATION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY (MCCAA)

Il-Kummissarju ltaqa' mal-MCCAA biex jiddiskuti l-istandardizzar tal-parteċipazzjoni tal-minuri fil-'marketing communications'.

## 4.20 EMENDI FL-ATT DWAR OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-Kummissarju attenda u pparteċipa fil-Kumitat għat-tieni qari fil-Parlament għall-emendi proposti fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Kap. 413).

## 4.21

F'Ġunju l-Kummissarju kien mistieden jipparteċipa f'penil flimkien mas-Segretarju Permanenti tal-MFSS Mr Mark Musù, mad-Direttur Ġenerali tas-Servizzi Soċjali Mr Grazio Barbara u d-Direttur Ġenerali (Programme Implimentation) Dr Marisa Scerri biex iwieġbu mistoqsijiet ippreżentati mill-mistiedna waqt laqgħa organizzata mis-Segretarju Prinċipali Permanenti msejħa 'Ninvestu fin-nies' fil-ġimgħa tas-Servizz Pubbliku.



# 05
KAPITLU

# Strateġija għall-Politika Nazzjonali dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità

Il-PSDAA ħadem fuq dokument ta’ strateġija għall-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità. Is-CRPD kienet mistiedna tipparteċipa f’dan l-eżerċizzju.

**06**
KAPITLU

# Laqgħat ma' Organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-Persuni b'Diżabilità

Is-CRPD temmen li sabiex tinkiseb aktar sinerġija u komunikazzjoni b'saħħitha fil-qasam tad-diżabilità, jeħtieġ li żżomm kuntatt b'saħħtu ma' ħafna organizzazzjonijiet li b'mod jew ieħor jaħdmu fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. L-organizzazzjonijiet li kellha laqgħat magħhom is-CRPD matul is-sena kienu:

- Equal Partners Foundation
- Inspire Foundation for Inclusion
- MS Society - Multiple Sclerosis
- Malta Society for the Blind
- Malta Epilepsy Association
- Malta Guide Dog Foundation
- Muscular Dystrophy Group
- GFPD – Gozo Federation for Persons with Disability
- Malta Deaf Association
- Opening Doors
- Special Olympics Malta
- Dar tal-Providenza
- Mental Health Association
- ADVICE
- Malta Federation of Organizations Persons with Disability
- Breaking Limits
- GAVI
- Torball Association
- National Parents Association
- Red Cross
- A4A – Amputees for Amputees
- Platform of Human Rights
- SPERO
- ME, CFS & Fibromyalgia Alliance Malta

07
KAPITLU

# Laqgħat u Attivitajiet ma' Entitajiet Oħra

## 7.1

Is-CRPD attendiet għall-konferenza dwar in-National Epilepsy.

## 7.2

Fi Frar il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv attendew għad-Deans' Award organizzat mill-Fakultà tal-Benesseri Soċjali fl-Università ta' Malta.

## 7.3

F'Marzu u April il-Kummissarju (li kien rebbieħ nazzjonali f'din il-kampanja) attenda għal seminar bl-isem 'HeforShe' organizzat minn The Presidents' Foundation for the Wellbeing of Society li ddiskuta d-drittijiet tan-nisa. Dan is-seminar kien segwit b'attività oħra dwar id-drittijiet tan-nisa mtellgħa fis-Saint James Cavalier l-ġurnata ta' wara. F'April il-Kummissarju attenda attività oħra tal-Australian High Commission dwar id-drittijiet tan-nisa.

## 7.4

Il-Kummissarju kien involut f'ħidma mal-Kunsill Lokali tal-Mosta billi attenda għal laqgħat informali ma' żgħażagħ mill-istess lokalità dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità.

## 7.5

Is-CRPD iltaqa' maċ-Ċermen u l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM) dwar inizjattiva ġdida biex jiġi ppremjat dak il-ġurnalist li jikteb dwar id-diżabilità f'mod pożittiv u etiku.

Il-bord tal-għażla għal dan il-premju inkluda lil Mr Oliver Scicluna (Ċermen), Dr Andrew Azzopardi, Mr Christian Camilleri u Ms Rhoda Garland li ltaqgħu biex jevalwaw in-nominazzjonijiet li daħlu.

F'April Mr Scicluna rrappreżenta lill-Kummissjoni għat-tnedija tal-premjijiet tal-IĠM u l-preżentazzjoni ta' dawk li ġew nominati. Din l-attività saret fil-Kamra tar-Rappreżentanti.

F'Mejju l-Kummissarju kien mistieden mill-IĠM jippreżenta l-premju waqt is-serata tal-għoti tal-premjijiet.

## 7.6

Il-Kummissarju kien mistieden jattendi għal laqgħa pubblika f'Kastilja minn Fondazzjoni Ideat fejn għamel intervent.

## 7.7

Il-Kummissarju kien mistieden jattendi għal-laqgħa ġenerali annwali tal-Multiple Sclerosis Society fil-ġurnata dedikata lill-Muscular Sclerosis f'Mejju.

## 7.8

Flimkien mal-PSDAA, Università ta' Malta u MAPFRE Middlesea, is-CRPD attendiet għat-tnedija tas-Social Innovation Challenge: Enable and Engage.

## 7.9

Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv iltaqgħu mal-Kummissarju tat-Tfal Ms Pauline Miceli biex jiddiskutu kollaborazzjonijiet futuri.

## 7.10

Matul is-sena l-Kummissarju attenda għal laqgħat tal-Planning Authority Users Committee.

## 7.11

Il-Kummissarju attenda għal laqgħat tal-bord tan-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) u pparteċipa f'penil ta' diskussjoni matul il-konferenza nazzjonali tal-istess entità.

## 7.12

Id-Direttur Eżekuttiv irrappreżentat lis-CRPD f'penil ta' diskussjoni waqt attività mtellgħa fil-Kwartieri Ġenerali tal-MUT fil-Belt Valletta bl-isem 'ForUMYS'.

## 7.13

F'Ġunju The Malta Epilepsy Organization ippreżentat sessjoni lill-membri tal-istaff tas-CRPD dwar l-epilessija.

## 7.14

F'Ġunju l-Kummissarju kien mistieden jattendi Dar il-Kaptan biex jiltaqa' u jiddiskuti kwistjonijiet relatati ma' diżabilità mal-membri tal-bord, l-amministratur Mr Joseph Gerada u ċ-Ċerpersin Ms Jennifer Sant.

### 7.15

F'Ġunju l-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kummissarju tal-NCPE Ms Renee Laiviera.

### 7.16

F'Ġunju wkoll, il-Kummissarju kien mistieden jattendi għal attività internazzjonali li nżammet fil-Marsa Sports Grounds li ġiet organizzata mill-Malta Special Olympics.

### 7.17

F'Lulju l-Kummissarju kien mistieden għall-ftuħ tal-Maratona tal-Volleyball fid-Dar tal-Providenza.

### 7.18

F'Lulju l-Kummissarju kellu stedina biex jindirizza konferenza mtellgħa f'Għawdex mill-Gozo Federation of Organizations for People with Disabilities.

### 7.19

F'Lulju l-Kummissarju kellu laqgħa ma' Mr Adrian Mifsud, Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kwistjonijiet relatati mal-Kunsilli Lokali u kollaborazzjonijiet futuri.

### 7.20

F'Lulju wkoll, il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv flimkien ma' Mr Clifford Portelli, impjegat fis-CRPD, kienu mistiedna jżuru Dar Apap Bologna, dar ġdida ta' 'respite' fil-komunità tal-Mosta.

### 7.21

F'Awwissu Mr Scicluna kien mistieden mill-Onor. Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva l-Onor. Dr Justyne Caruana biex jippreżenta l-A+ Award lill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli.

### 7.22

F'Awwissu s-CRPD kellha laqgħa ma' membri tal-General Retailers and Traders Union (GRTU) biex tiddiskuti l-aċċessibilità l-aktar fil-ħwienet.

### 7.23

F'Awwissu wkoll, il-Kummissarju kien mistieden iżur Dar Nazareth fiż-Żejtun.

### 7.24

F'Settembru l-Kummissarju kien mistieden mill-Malta Federation of Organizations Persons with Disability (MFOPD) biex jindirizza l-laqgħa ġenerali annwali tagħhom.

## 7.25

F'Settembru l-Kummissarju kien mistieden ukoll biex jattendi għall-EU Citizen Award f'Dar l-Ewropa fejn ġie mogħti premju lil Dar il-Kaptan.

## 7.26

F'Ottubru l-Kummissarju kien mitlub jindirizza konferenza internazzjonali organizzata minn LUDI bl-isem 'Assistive Technologies and Robotics to support the play of children with disabilities'.

## 7.27

F'Novembru s-CRPD kienet mistiedna tattendi għal konferenza ta' nofstanhar dwar l-Imġiba Diffiċli Ħafna.

## 7.28

F'Novembru l-Kummissarju attenda wkoll għat-tnedija ta' organizzazzjoni ġdida ta' persuni b'diżabilità, Evviva.

## 7.29

F'Diċembru l-Kummissarju kien mistieden jipparteċipa f'konferenza organizzata mill-Federazzjoni Għawdxija Persuni b'Diżabilità.

## 7.30

Matul is-sena l-Kummissarju kien involut fil-Premju Ħaddiem tas-Sena billi attenda għat-tnedija tal-Premju f'Ġunju u għal laqgħat matul il-kumplament tas-sena biex tiġi organizzata l-attività li ttellgħet f'Diċembru.

## 7.31

Matul is-sena l-Kummissarju ġie appuntat u attenda għal laqgħat tal-bord ta' Jobs+.

**08**
KAPITLU

# Proġetti tas-CRPD li Ntemmu u Oħrajn li Għadhom Għaddejjin

## 8.1 PROĠETT TAL-EU DISABILITY CARD IN MALTA

Fl-2016, is-CRPD bdiet timplimenta l-proġett 'EU Disability Card in Malta' li huwa kofinanzjat mir-Rights, Equality and Citizenship Programme tal-Unjoni Ewropea.

Il-European Disability Forum (EDF) kien ilu għal żmien twil isejjaħ għal EU-model Disability Card li tkun tista' tiffaċilita d-dritt ta' persuni b'diżabilità għal moviment liberu madwar l-istati membri tal-Unjoni Ewropea. Sabiex tindirizza dan il-bżonn, il-Kummissjoni Ewropea nediet Project Working Group fuq id-Disability Card. Is-CRPD ipparteċipat f'dan il-proġett flimkien ma' rappreżentanti ta' stati membri oħrajn li wrew interess. Fl-2015 saret sejħa għal proposti tal-proġett fejn is-CRPD kienet assigurata li se jingħatawlha l-fondi għal din l-inizjattiva.

L-istati membri li qed jieħdu sehem f'din l-inizjattiva huma l-Belġju, Ċipru, Estonja, Finlandja, Italja, Slovenja, Rumanija u Malta. L-EU Disability Card se tippermetti lil persuni b'diżabilità residenti f'dawn l-istati membri jipparteċipaw f'din l-inizjattiva kull meta jivjaġġaw fi stati membri oħrajn li qed jipparteċipaw fil-proġett. Dan għaliex din il-Card tiċċertifika li għandhom diżabilità.

F'Marzu s-CRPD nediet il-proġett tagħha f'Malta. Bdiet taħdem ukoll sabiex tixtri s-servizzi li hemm bżonn biex tamministra s-servizz tad-Disability Card. Jiġifieri entità li se tkun qed tissupplixxi l-EU Disability Cards, entità biex tibni 'database' u websajt, u entità oħra li taħdem fuq kampanja ta' informazzjoni u tagħmel pubbliċità biex tgħin fit-tixrid ta' informazzjoni ta' din il-Card.

L-applikazzjonijiet għall-EU Disability Card se jiftħu matul l-2017 u l-kriterji eliġibbli se jkunu l-istess li japplikaw għall-Karta tal-Identità Speċjali (magħrufa bħala l-karta s-safra).

Is-CRPD kienet ukoll f'kuntatt ma' diversi entitajiet li jaħdmu fil-qasam tal-kultura, divertiment, trasport u sports biex jitfassal pakkett ta' benefiċċji bħal tnaqqis fil-prezz jew mingħajr ħlas għal servizzi. Id-detenturi tal-Karta tal-Identità Speċjali u l-EU Disability Card (li tista' tkun maħruġa minn Malta jew minn stat membru ieħor li qed jieħu sehem) se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-benefiċċji.

Fl-ewwel parti tal-2017 se titnieda kampanja ta' informazzjoni u pubbliċità biex tixtered informazzjoni dwar kif għandha ssir applikazzjoni għall-EU Disability Card u l-benefiċċji marbuta magħha.

09
KAPITLU

# Proġetti Ġestiti minn Entitajiet Oħrajn

## 9.1

Is-CRPD flimkien ma' Allied Health Services ħadmet fuq proġett bl-isem 'Breaking the News', li inkluda taħriġ lill-professjonisti tas-saħħa kif jagħtu l-aħbar lill-ġenituri ta' tfal li jitwieldu jew ikollhom diżabilità. Is-CRPD provdiet ftit mit-taħriġ u offriet għajnuna lil persuni b'diżabilità li tkellmu f'diversi konferenzi u sessjonijiet ta' taħriġ. Ħadu sehem fil-proġett madwar 357 professjonist tas-saħħa li jinkludu tobba, nersis, fiżjoterapisti, 'occupational therapists' u 'counsellors'.

## 9.2

Is-CRPD ħadmet ma' The Malta Confederation of Women's Organisations biex torganizza konferenza fil-Palazz tal-Verdala bl-isem 'Invisible Women: Tackling a Double Challenge', li ddiskutiet kif persuni b'diżabilità nisa jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni doppja. Għal din il-konferenza kien hemm preżenti l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta u s-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva.



10
KAPITLU

# 'Re-branding' tas-CRPD

## 10.1 'RE-BRANDING' TAS-CRPD

Wara l-emendi fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), l-isem tal-KNPD inbidel għal 'Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità' (CRPD). L-emendi fissru opportunità tajba sabiex isir 're-branding' tas-CRPD fir-rwol tagħha ta' regolatur uffiċjali fis-settur tad-diżabilità u mekkaniżmu indipendenti tal-UNCRPD. Bħala parti minn dan ir-'re-branding', ġie ddisinjat logo ġdid, kif ukoll websajt u paġna ta' Facebook ġodda.

Il-logo ġie disinjat b'mod li jirrispetta l-logo ta' qablu bl-użu ta' kaxxi kkuluriti, iżda kien modernizzat billi ngħata l-forma bħas-simbolu ta' 'chat' biex jenfasizza l-importanza li fis-soċjetà jkun hemm djalogu u nisimgħu l-vuċi tal-persuni b'diżabilità.

**11**
KAPITLU

# Teknoloġija Assistiva

## 11.1

Is-CRPD hija waħda mill-entitajiet fundaturi tal-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA).

## 11.2

Is-CRPD ipparteċipat f'diversi seminars organizzati mill-MITA, u kienet rappreżentata mill-Kummissarju, minn Ms Angela Agius u Ms Isabel Bonello (Office Support Workers) kif ukoll minn Mr Michael Debattista (Assistant Manager).

## 11.3

Il-Kummissarju tas-CRPD kien preżenti għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikati organizzata mill-FITA. Din saret wara li numru ta' persuni b'diżabilità temmew korsijiet offruti mill-Fondazzjoni.

## 11.4

Il-Kummissarju attenda għal laqgħat tal-Bord tal-FITA matul is-sena.

12
KAPITLU

# Kunsilli Lokali

## 12.1

Il-Kummissarju tas-CRPD kellu serje ta' laqgħat ma' diversi Kunsilli Lokali biex jiddiskuti d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabilità f'diversi lokalitajiet. Dawn il-laqgħat servew ukoll bħala opportunità biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u s-CRPD.

## 12.2

Is-CRPD ħadmet fil-qrib mal-Kunsilli Lokali tal-Gżira u tal-Mosta. Ma' dan tal-aħħar ħadmet fuq proġett bl-isem 'Accessible Mosta' li involva direttament liż-żgħażagħ tal-istess lokalità.



# 13
KAPITLU

# Bordijiet tas-CRPD

**TABELLA 15.1** Il-bordijiet tas-CRPD huma kif segwit:

**KCC**
Ms Lorraine Pleven, Segretarja

**Forum tal-Organizzazzjonijiet għall-Persuni b'Diżabilità:**
Ms Lorraine Pleven, Segretarja

**Bord dwar x'inhu Raġonevoli (Test of Reasonableness Board):**
Ms Rita Vella, Ċerpersin,
Mr Martin Buhagiar,
Mr Ronald Balzan,
Mr Malcolm Mallia,
Mr Christopher Galea,
Mr John Peel,
Perit Dr Joseph H. Spiteri,
Perit Frank Muscat,
Ms Marie Barbara, Segretarja

**Equal Opportunities Compliance Unit (EOCU):**
Mr Oliver Scicluna (Kummissarju),
Ms Victoria Grech (Team Leader),
Ms Jessica Schembri,
Mr Christian Camilleri

**Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjonijiet (Quotations Adjudication Board):**
Ms Rhoda Garland, Direttur Eżekuttiv u Ċerpersin tal-bord,
Mr Elvin Sciberras,
Ms Allison Zammit

**PEKTUR (Programm Edukazzjoni Kontinwa, Taħriġ u Riċerka):**
Ms Rhoda Garland, Direttur Eżekuttiv u Ċerpersin tal-bord,
Ms Liliana Maric,
Mr Michael Debattista,
Ms Allison Zammit,
Ms Rosanne Fenech,
Ms Lorraine Pleven, Segretarja

| **TABELLA 15.2** | Is-CRPD hija rappreżentata f'dawn il-bordijiet minn dawn il-persuni: |
|---|---|
| **Access Disability Support Committee (Università ta' Malta):** | Ms Rhoda Garland |
| **Board of Referral (Università ta' Malta):** | Mr Michael Debattista |
| **Blue Badge Appeals Board:** | Mr Frank Buhagiar (Segretarju) |
| **Empowerment Board:** | Mr Clifford Portelli |
| **FITA:** | Mr Oliver Scicluna (Viċi Ċerpersin) |
| **Foundation for Tomorrow's Schools:** | Ms Victoria Grech |
| **Housing Authority – Skema 7 (Skema ta' Diżabilità):** | Mr Christian Camilleri |
| **Housing Authority:** | Mr Matthew Chetcuti |
| **Jobs+:** | Mr Oliver Scicluna |
| **Lino Spiteri Foundation:** | Mr Michael Debattista |

| | |
|---|---|
| **Malta Community Chest Fund (Kunsill Konsultattiv):** | Mr Clifford Portelli |
| **Malta Community Chest Fund (Skema Apparat Mediku):** | Mr Oliver Scicluna |
| **MCAST Board of Governors:** | Ms Rhoda Garland |
| **NCFHE:** | Mr Michael Debattista |
| **NCPE:** | Mr Oliver Scicluna |
| **NSO Board:** | Mr Gianluca Cutajar |
| **Paralympic Committee:** | Ms Rhoda Garland |
| **Planning Authority Users Committee:** | Mr Oliver Scicluna |
| **Reserved Parking (Transport Malta):** | Mr Clifford Portelli |
| **Reserved Parking Review Panel (Transport Malta):** | Ms Ann Marie Brincat (Segretarja) |
| **Road Safety (Transport Malta):** | Mr Clifford Portelli |
| **Service Allocation Committee (Aġenzija Sapport):** | Ms Rosanne Fenech |
| **The Council and the Senate (Università ta' Malta):** | Mr Joseph Cauchi |
| **The Statementing Appeals Board (Ministry of Education):** | Mr Joseph Cauchi |
| **Transport Malta:** | Mr Mario Borg |
| **V18:** | Mr Oliver Scicluna |



14
KAPITLU

# Ġimgħa tal-Persuni b’Diżabilità

Din il-Ġimgħa tiġi organizzata kull sena bejn it-3 ta’ Diċembru (Jum Internazzjonali tal-Persuni b’Diżabilità) u l-10 ta’ Diċembru (Jum Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem). It-tema li ntgħażlet għal din is-sena kienet ‘Dmirijiet, Drittijiet’. Peress li t-3 ta’ Diċembru ħabat is-Sibt, il-konferenza nazzjonali saret fit-2 ta’ Diċembru.

## 14.1

Fit-2 ta’ Diċembru ġiet organizzata l-konferenza nazzjonali mis-CRPD fejn ġiet diskussa l-kultura u d-diversità. Saru wkoll preżentazzjonijiet fuq il-proġett tal-EU Disability Card, il-familja u l-protezzjoni żejda. Persuni b’diżabilità u ġenituri ta’ persuni b’diżabilità ġew mistiedna jitkellmu fuq żewġ penils li kienu moderati minn Dr Andrew Azzopardi. Il-punti li tkellmu dwarhom l-ispeakers fil-penils ġew imbagħad diskussi mill-membri tal-udjenza. Din il-konferenza kienet indirizzata mis-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità, l-Onor. Dr Justyne Caruana u mill-kelliem tal-Oppożizzjoni dwar il-Familja u t-Tfal, l-Anzjani u l-Persuni b’Diżabilità, l-Onor. Robert Cutajar. Filwaqt li l-Kummissarju Mr Oliver Scicluna għamel id-diskors tal-aħħar.

## 14.2

Fit-3 ta’ Diċembru l-PSDAA organizza l-attività ‘Premju Soċjetà Ġusta’ li kienet tinkludi mużika u żfin kif ukoll l-għoti tal-premju nnifsu li jonora lil dawk li jipparteċipaw b’mod attiv biex irendu lis-soċjetà iktar inkussiva għal persuni b’diżabilità.

## 14.3

Fit-3 ta’ Diċembru l-Kummissarju kien mistieden jipparteċipa fi programm televiżiv ‘Newsfeed’ imxandar fuq NET TV fejn iddiskuta s-settur tal-persuni b’diżabilità. Fl-istess

ġurnata l-Kummissarju attenda għal preżentazzjoni minn Opening Doors fis-Saint James Cavalier. Din saret minn persuni b'diżabilità u kienet tikkonsisti fi drama, żfin u kant. Mr Matthew Giordmaina ngħata premju għas-servizzi tiegħu biex ikun hemm titjib fit-turiżmu aċċessibbli u turs tal-gwidi.

## 14.4

Il-messaġġ ministerjali kien preżentat mis-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, l-Onor. Dr Justyne Caruana u mill-Kummissarju Mr Oliver Scicluna. Dan il-messaġġ iffoka fuq it-titjib li sar fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs u li permezz tiegħu s-CRPD għandha vuċi iżjed b'saħħitha. Il-messaġġ appella wkoll sabiex kulħadd jaħdem flimkien biex ikollna iktar inklużjoni fis-soċjetà. Bħalma ġara fl-2015, il-messaġġ ministerjali reġa' xxandar ripetutament fi 'clips' żgħar fuq ir-radju u t-televixin matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità.

## 14.5

Fl-4 ta' Diċembru s-CRPD organizzat attività quddiem il-monument tal-mibki Wenzu Dalli fil-pjazza ta' Ħal Għaxaq biex tikkommemora l-ħajja u l-kisbiet tiegħu. Wenzu Dalli kien nieqes mid-dawl u attivist kbir fil-qasam tal-persuni b'diżabilità.

## 14.6

Fis-7 ta' Diċembru l-uffiċċju tas-CRPD f'Għawdex organizza attività matul in-nofstanhar ta' filgħodu bl-isem 'We Get Together'. Din iffukat fuq l-inklużjoni ta' persuni żgħażagħ b'diżabilità f'Għawdex.

## 14.7

Is-CRPD jiddispjaċiha tinnota li l-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità li jsir kull sena kellu jiġi kanċellat minħabba kunflitt mal-iskeda tad-dibattiti tal-baġit.

## 14.8

Fit-12 ta' Diċembru l-impjegati tas-CRPD kienu mistiedna jattendu għaċ-ċerimonja tal-Premju Ħaddiem tas-Sena li matulha Mr Clifford Portelli, impjegat fis-CRPD, ġie ppremjat bil-premju.

Din is-sena s-CRPD ħadmet mat-tim tal-produzzjoni tal-programm televiżiv 'Skjetti' biex tipproduċi 'clips' qosra biex iqajmu għarfien. Dawn il-'clips' intużaw fil-konferenza nazzjonali tas-CRPD u f'żewġ programmi li ħarsu lejn id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u d-dmirijiet dovuti minnhom f'sens umoristiku. Dawn il-programmi xxandru qabel u wara l-konferenza nazzjonali.

15
KAPITLU

# Programm ta' Taħriġ Dwar Oqsma tad-Diżabilità

Is-CRPD toffri taħriġ dwar l-ugwaljanza tal-persuni b'diżabilità. Dan it-taħriġ jingħata lil tipi differenti ta' udjenza u bl-involviment sħiħ ta' persuni b'diżabilità kif ukoll ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom. Dan it-taħriġ jikkumplimenta taħriġ ieħor provdut f'livell universitarju mid-Disability Studies Unit fi ħdan il-Fakultà tal-Benesseri Soċjali fl-Università ta' Malta.

| Taħriġ dwar oqsma tad-diżabilità | Xahar | Nru ta' Studenti |
|---|---|---|
| MCAST Pathway | Frar | 15 |
| Skola San Bastjan, Ħal Qormi | Marzu | 251 |
| Family 360 Conference | Marzu | 20 |
| Akkademja tal-Pulizija | Lulju | 62 |
| Akkademja tal-Pulizija | Awwissu | 62 |
| Esplora | Ottubru | 30 |
| Royal Air Force Association | Novembru | 8 |
| Gwidi tat-Turisti fl-ITS | Novembru | 85 |
| MEUSAC | Novembru | 8 |
| Gwidi tat-Turisti fl-ITS | Diċembru | 60 |
| PPCD | Diċembru | 52 |
| **Total ta' parteċipanti** | | **653** |



16
KAPITLU

# Ċentru ta' Riżorsi Wenzu Dalli

Dan iċ-ċentru ta' riżorsi jinsab fl-istess bini minn fejn jopera s-segretarjat tas-CRPD u huwa miftuħ għall-pubbliku. Permezz ta' self ta' riżorsi li hemm f'dan iċ-ċentru, il-membri jistgħu jżommu ruħhom aġġoranti fil-qasam tad-diżabilità. Ir-riżorsi li kien hemm sal-aħħar tal-2016 kienu kif indikati f'Tabella 16.1. Dan iċ-ċentru jaqdi l-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità, membri tal-familja tagħhom, dawk li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, studenti kif ukoll persuni oħrajn li għandhom interess fil-qasam. Matul is-sena l-użu taċ-ċentru kien kif indikat f'Tabella 16.2.

**TABELLA 16.2**

| Self ta' Riżorsi | Nru |
|---|---|
| Kotba | 161 |
| Perjodiċi | 19 |
| CD's | 0 |
| DVD's | 5 |
| Membri li użaw iċ-ċentru | 47 |

**Tabella 16.1**

| Riżorsi Ġodda | Fl-2016 | Mid-data tal-ftuħ taċ-Ċentru |
|---|---|---|
| Kotba | 43 | 5,562 |
| Perjodiċi | 34 | 634 |
| CD's | 1 | 83 |
| DVD's | 0 | 392 |
| Membri | 13 | 1,557 |



17
KAPITLU

# Ċentru għall-Ħajja Indipendenti Sonia Tanti

Iċ-Ċentru għall-Ħajja Indipendenti Sonia Tanti, li kien kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, jinkorpora li ġej:

- Helpline
- Equipment Demonstration Unit
- Wheelchair and Seating Clinic
- Adaptive Driving Unit
- Adaptive Driving Motoring School

Persuni b'diżabilità jistgħu jagħmlu użu minn dawn is-servizzi li huma provduti minn terapisti u għalliema tas-sewqan. Dawn kienu ngħataw taħriġ apposta permezz ta' proġett finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew.

Matul din is-sena s-servizzi mogħtija fiċ-ċentru kienu kif ġej:

**TABELLA 17.1**

| | Nru |
|---|---|
| Telefonati lil Helpline | 3,573 |
| Assessjar inizjali | 393 |
| Assessjar dettaljat | 343 |
| Sigħat ta' lezzjonijiet tas-sewqan fuq karozzi modifikati | 7 |
| Tressqu għat-test tal-liċenzja tas-sewqan | 0 |
| Riferiment lil Lino Spiteri Foundation | 3 |

Tabella 17.2 turi s-sess, età u tip ta' diżabilità tal-persuni li użaw iċ-ċentru matul is-sena:

**TABELLA 17.2**

| **Sess** | **Nru** |
|---|---|
| Nisa | 114 |
| Irġiel | 151 |
| **Età** | |
| Taħt l-4 snin | 7 |
| Bejn il-5 u s-16-il sena | 28 |
| Bejn is-17 u t-30 sena | 96 |
| Bejn il-31 u s-60 sena | 74 |
| Aktar minn 60 sena | 62 |
| **Tip ta' Diżabilità** | |
| Fiżika | 194 |
| Intellettwali | 52 |
| Psikoloġika | 19 |
| Smigħ | 5 |
| Vista | 16 |
| Membri tal-familja | 127 |

18
KAPITLU

# Karta tal-Identità Speċjali

Il-Karta tal-Identità Speċjali (KIS) tinħareġ lil dawk il-persuni b'diżabilità reġistrati mas-CRPD u jagħżlu li jkollhom waħda. Meta persuna b'diżabilità tiġi nieqsa, il-membri tal-familja tagħha jintalbu jirritornaw il-KIS. Jekk il-KIS tibqa' ma tiġix ritornata, tintbagħat ittra bl-avukat. F'każ ta' KIS mitlufa, il-familjari jintalbu jiffirmaw dikjarazzjoni li ntilfet.

Tabella 18.1 tirrifletti l-ħidma li saret fuq il-KIS fl-2016:

**TABELLA 18.1**

| Karta tal-Identità Speċjali | 2016 |
|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 2,281 |
| KIS ġodda | 1,824 |
| Applikazzjonijiet rifjutati | 9 |
| KIS imġedda | 506 |
| KIS ritornati | 185 |
| Dikjarazzjonijiet minħabba KIS mitlufa | 10 |
| Ittri mill-avukat għal ritorn ta' KIS | 0 |
| Numru ta' persuni b'diżabilità b'KIS | 14,236 |
| Numru ta' KIS li skadew | 2,414 |

Tabella 18.2 turi s-sess, età u tip ta' diżabilità tal-persuni li ngħataw il-KIS matul din is-sena:

**TABELLA 18.2**

| **Sess** | **Nru** |
|---|---|
| Nisa | 934 |
| Irġiel | 890 |
| **Età** | |
| Taħt l-4 snin | 35 |
| Bejn il-5 u s-16-il sena | 112 |
| Bejn is-17 u t-30 sena | 109 |
| Bejn il-31 u s-60 sena | 401 |
| Aktar minn 60 sena | 1,167 |
| **Tip ta' diżabilità*** | |
| Fiżika | 1,165 |
| Intellettwali | 325 |
| Psikoloġika | 242 |
| Smigħ | 115 |
| Vista | 140 |
| Diżabilitajiet oħrajn | 103 |

** Din it-tabella turi t-tip ta' diżabilità tal-persuni li kienu eliġibbli għal dan is-servizz. Dawk b'aktar minn diżabilità waħda, ngħidu aħna 'fiżika' u 'intellettwali' jidhru darbtejn*

19
KAPITLU

# Servizz Għajnuna Speċjali u Skema ta' ħlas lura tal-VAT

Is-Servizz Għajnuna Speċjali (SGħS) li qabel kien amministrat mis-CRPD qed jitmexxa mill-Aġenzija Sapport u sar jismu 'Empowerment Scheme'.

Is-CRPD tagħti ħlas lura ekwivalenti għall-VAT, fuq apparat li jintuża speċifikament minn persuni b'diżabilità kif ukoll fuq kompjuters. Dettalji fuq il-ħlasijiet lura li ngħataw matul is-sena huma ppreżentati f'Tabella 19.5.

**TABELLA 19.5**

| Ħlas lura fuq Apparat u Kompjuters | Nru |
|---|---|
| Ħlas | €44,286.14 |
| Numru ta' benefiċjarji | 173 |
| Medja ta' ħlas lura | €255.99 |



20
KAPITLU

# Blue Badge

Il-Blue Badge huwa servizz amministrat mis-CRPD u tinħareġ lil persuni b'diżabilità b'mobilità severa ħafna. Is-CRPD titlob ir-ritorn ta' Blue Badges maħruġin lil persuni b'diżabilità li jkunu ġew nieqsa. Jekk dawn jibqgħu ma jiġux ritornati mill-familjari, jintbagħat avviż mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-każ li Blue Badge tkun mitlufa, il-membri tal-familja jkunu mitluba jieħdu ġurament. Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-ħidma f'dan ir-rigward kienet kif jidher f'Tabella 20.1.

Persuni li ma ma jikkwalifikawx għal Blue Badge jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni quddiem il-Blue Badge Appeals Board. Dan il-bord huwa mmexxi mis-CRPD u l-Kummissarju tal-Pulizija. Statistika dwar appelli li saru fl-2016 tidher f'Tabella 20.2.

**TABELLA 20.1**

| **Blue Badge** | **Nru** |
|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 2,426 |
| Rakkomandati | |
| Permanenti | 883 |
| Temporanji | 237 |
| Applikazzjonijiet mhux rakkomandati | 61 |
| Applikanti li ma attendewx għall-appuntament | 3 |
| Applikanti li talbu appuntament ġdid | 3 |
| Blue Badges imġedda | 1,141 |
| Blue Badges ritornati u/jew miżmuma | 1,155 |
| Ġuramenti għal Blue Badges mitlufa | 23 |
| Ittri mill-Kummissarju tal-Pulizija għar-ritorn tal-Blue Badges | 22 |
| Numru ta' Blue Badges li qed jintużaw bħalissa | 8,894 |

**TABELLA 20.2**

| Blue Badge Appeals Board | Nru |
|---|---|
| Appelli Ġodda | 11 |
| Konfermata l-ewwel deċiżjoni | 26 |
| Mibdula l-ewwel deċiżjoni | 20 |

Tabella 20.3 tindika s-sess, età u tip ta' diżabilità tal-persuni li ngħataw il-Blue Badge din is-sena.

**TABELLA 20.3**

| Sess | Nru |
|---|---|
| Nisa | 1,006 |
| Irġiel | 1,255 |

| Età | |
|---|---|
| Taħt l-4 snin | 27 |
| Bejn il-5 u s-16-il sena | 85 |
| Bejn is-17 u t-30 sena | 95 |
| Bejn il-31 u s-60 sena | 565 |
| Aktar minn 60 sena | 1,489 |

| Tip ta' diżabilità* | |
|---|---|
| Fiżika | 2,019 |
| Intellettwali | 269 |
| Psikoloġika | 196 |
| Smigħ | 84 |
| Vista | 179 |
| Diżabilitajiet oħrajn | 88 |

** Din it-tabella turi t-tip ta' diżabilità tal-persuni li kienu eliġibbli għal dan is-servizz. Dawk b'aktar minn diżabilità waħda, ngħidu aħna 'fiżika' u 'intellettwali' jidhru darbtejn*

Matul din is-sena s-CRPD kompliet tikkollabora ma' Transport Malta biex din tieħu ħsieb talloka Reserved Parking u Keep Clear 1.5m bays quddiem residenzi ta' persuni b'nuqqas sever fil-mobilità tagħhom. Dawk li ma jikkwalifikawx għal dan is-servizz ta' Transport Malta jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni quddiem ir-Reserved Parking Review Panel li jitmexxa mis-CRPD u Transport Malta. L-appelli li nstemgħu mir-Review Panel matul l-2016 jidhru f'Tabella 20.4.

**TABELLA 20.4**

| Reserved Parking Review Panel | Nru |
|---|---|
| Appelli Ġodda | 74 |
| Konfermata l-ewwel deċiżjoni | 34 |
| Mibdula l-ewwel deċiżjoni | 33 |
| Mogħtija Keep Clear 1.5m bay | 7 |

21
KAPITLU

# Benefiċċji fuq Vetturi

Il-Ministeru tal-Finanzi jagħti eżenzjoni mill-ħlas tal-Liċenzja tat-triq u mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq vetturi. Is-CRPD tamministra dawn iż-żewġ servizzi u tagħti rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru f'dan ir-rigward. Statistika dwar il-ħidma mwettqa f'dan ir-rigward matul l-2016 tidher f'Tabelli 21.1 sa 21.3 u l-grafiċi korrispondenti.

**TABELLA 21.1**

| **Eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzja tat-triq** | **Nru** |
|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 374 |
| Rakkomandati | 421 |
| Applikazzjonijiet imwaqqgħa | 13 |
| Applikanti li talbu appuntament ġdid | 3 |
| Liċenzji mġedda | 206 |
| Persuni li reġgħu applikaw | 194 |

Tabella 21.2 turi s-sess, età u tip ta' diżabilità ta' dawk li ngħataw eżenzjoni mill-ħlas għal-liċenzja tat-triq matul is-sena.

### TABELLA 21.2

| Sess | Nru |
|---|---|
| Nisa | 141 |
| Irġiel | 280 |

| Età | |
|---|---|
| Taħt l-4 snin | 2 |
| Bejn il-5 u s-16-il sena | 9 |
| Bejn is-17 u t-30 sena | 44 |
| Bejn il-31 u s-60 sena | 176 |
| Aktar minn 60 sena | 190 |

| Tip ta' diżabilità* | |
|---|---|
| Fiżika | 359 |
| Intellettwali | 38 |
| Psikoloġika | 28 |
| Smigħ | 35 |
| Vista | 22 |
| Diżabilitajiet oħrajn | 22 |

** Din it-tabella turi t-tip ta' diżabilità tal-persuni li kienu eliġibbli għal dan is-servizz. Dawk b'aktar minn diżabilità waħda, ngħidu aħna 'fiżika' u 'intellettwali' jidhru darbtejn*

### TABELLA 21.3

| Eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni | Nru |
|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 234 |
| Rakkomandati | 246 |
| Mhux rakkomandati | 10 |
| Applikazzjonijiet imwaqqgħa | 55 |
| Applikanti li talbu appuntament ġdid | 3 |

# Appendiċi

## Statistika mir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità

### TABELLA 22

**Statistika Skont l-Età u s-Sess**

| | | | | | % | Differenza |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Età** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** | **2016** | **2015** | |
| 0-4 | 49 | 69 | 118 | 0.68 | 0.68 | 0.00 |
| 5-9 | 91 | 228 | 319 | 1.83 | 2.10 | -0.16 |
| 10-14 | 120 | 223 | 343 | 1.97 | 2.10 | -0.13 |
| 15-19 | 149 | 281 | 430 | 2.46 | 2.71 | -0.24 |
| 20-24 | 223 | 280 | 513 | 2.94 | 2.97 | -0.13 |
| 25-29 | 186 | 299 | 485 | 2.78 | 2.97 | -0.19 |
| 30-34 | 218 | 337 | 555 | 3.18 | 3.34 | -0.16 |
| 35-39 | 248 | 369 | 617 | 3.54 | 3.67 | -0.14 |
| 40-44 | 271 | 342 | 613 | 3.51 | 3.70 | -0.19 |
| 45-49 | 301 | 360 | 661 | 3.79 | 3.79 | 0.00 |
| 50-54 | 324 | 492 | 816 | 4.68 | 5.03 | -0.36 |
| 55-59 | 517 | 627 | 1,144 | 6.56 | 6.87 | -0.31 |
| 60-64 | 528 | 729 | 1,257 | 7.2 | 7.66 | -0.46 |
| 65-69 | 754 | 925 | 1,679 | 9.62 | 10.09 | -0.47 |
| 70-74 | 864 | 942 | 1,810 | 10.37 | 9.53 | 0.84 |
| 75-79 | 923 | 827 | 1,750 | 10.03 | 10.08 | -0.05 |
| 80-84 | 1,053 | 719 | 1,772 | 10.15 | 9.53 | 0.63 |
| >85 | 1,582 | 901 | 2,483 | 14.23 | 13.16 | 1.06 |
| Mhux magħruf | | | 86 | 0.49 | 0.12 | |
| **Total** | **8,415** | **8,950** | **17,451** | | | |

## TABELLA 23

### Statistika Skont l-Età matul is-snin

| | 0-16 | | 17-59 | | 60+ | | Mhux magħruf | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena | Nru | % | Nru | % | Nru | % | | |
| 1994 | 815 | 24.5 | 1,839 | 55.2 | 651 | 19.5 | 25 | 3,330 |
| 1999 | 1,089 | 17.2 | 2,961 | 46.7 | 2,286 | 36.1 | 4 | 6,340 |
| 2003 | 1,260 | 16.6 | 3,388 | 44.5 | 2,962 | 38.9 | 0 | 7,610 |
| 2005 | 764 | 8.4 | 3,854 | 42.5 | 4,388 | 48.4 | 57 | 9,063 |
| 2006 | 807 | 8.4 | 4,030 | 41.7 | 4,771 | 49.4 | 55 | 9,663 |
| 2007 | 819 | 8.0 | 4,188 | 40.7 | 5,227 | 50.8 | 57 | 10,291 |
| 2008 | 837 | 7.3 | 4,449 | 38.6 | 6,193 | 53.7 | 54 | 11,532 |
| 2009 | 864 | 7.4 | 4,535 | 38.9 | 6,198 | 53.1 | 76 | 11,673 |
| 2010 | 874 | 7.3 | 4,616 | 38.7 | 6,396 | 53.6 | 54 | 11,940 |
| 2011 | 865 | 6.9 | 4,667 | 37.4 | 6,407 | 51.4 | 54 | 12,470 |
| 2012 | 608 | 5.9 | 3,560 | 34.7 | 6,018 | 58.7 | 66 | 10,252 |
| 2013 | 894 | 6.3 | 5,148 | 36.0 | 8,170 | 57.2 | 71 | 14,283 |
| 2014 | 867 | 5.9 | 5,168 | 35.5 | 8,176 | 56.1 | 20 | 14,575 |
| 2015 | 919 | 5.7 | 5,475 | 34.1 | 9,645 | 60.1 | 19 | 16,058 |
| 2016 | 938 | 5.4 | 5,676 | 32.5 | 10,751 | 61.6 | 86 | 17,451 |

## TABELLA 24

### Statistika Skont id-Diżabilità

| | Numri | | | | | % | | Differenza 2015-2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2016 | 2015 | 2014 | 2013 | 2012 | 2016 | 2015 | |
| Fiżika | 14,805 | 11,946 | 10,722 | 10,463 | 7,492 | 84.84 | 74.39 | 10.44 |
| Intellettwali | 3,223 | 2,856 | 2,638 | 2,586 | 1,755 | 18.47 | 17.79 | -0.68 |
| Psikoloġika | 1,992 | 1,743 | 1,466 | 1,417 | 1,060 | 11.41 | 10.85 | 0.56 |
| Vista | 1,673 | 1,404 | 1,291 | 1,274 | 919 | 9.59 | 8.74 | 0.84 |
| Smigħ | 1,511 | 1,335 | 1,221 | 1,199 | 834 | 8.66 | 8.31 | 0.34 |
| Aktar minn waħda | 3,712 | 3,029 | 2,663 | 2,606 | 1,904 | 21.27 | 18.86 | 2.41 |
| Mhux speċifikat | 888 | 735 | 737 | 757 | 737 | 5.09 | 4.58 | 0.51 |

*Nota: It-totali huma akbar minħabba li numru ta' persuni għandhom aktar minn diżabilità waħda*

## TABELLA 25

### Statistika Skont id-Diżabilità u l-Età kull ħames snin

| | Fiżika | % | Prikoloġika | % | Intellettwali | % | Smigħ | % | Vista | % | Aktar minn waħda | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0-4 | 71 | 0.48 | 39 | 1.96 | 60 | 1.86 | 6 | 0.40 | 9 | 0.54 | 53 | 1.43 |
| 5-9 | 124 | 0.84 | 142 | 7.13 | 200 | 6.21 | 20 | 1.32 | 17 | 1.02 | 145 | 3.91 |
| 10-14 | 118 | 0.80 | 110 | 5.52 | 218 | 6.76 | 34 | 2.25 | 24 | 1.43 | 143 | 3.85 |
| 15-19 | 175 | 1.18 | 117 | 5.87 | 234 | 7.26 | 47 | 3.11 | 46 | 2.75 | 146 | 3.93 |
| 20-24 | 229 | 1.55 | 108 | 5.42 | 274 | 8.50 | 51 | 3.38 | 35 | 2.09 | 155 | 4.18 |
| 25-29 | 251 | 1.70 | 100 | 5.02 | 233 | 7.23 | 41 | 2.71 | 35 | 2.09 | 141 | 3.80 |
| 30-34 | 312 | 2.11 | 91 | 4.57 | 203 | 6.30 | 55 | 3.64 | 55 | 3.29 | 140 | 3.77 |
| 35-39 | 341 | 2.30 | 95 | 4.77 | 207 | 6.42 | 61 | 4.04 | 43 | 2.57 | 126 | 3.39 |
| 40-44 | 374 | 2.53 | 95 | 4.77 | 167 | 5.18 | 55 | 3.64 | 63 | 3.77 | 118 | 3.18 |
| 45-49 | 487 | 3.29 | 90 | 4.52 | 135 | 4.19 | 42 | 2.78 | 57 | 3.41 | 116 | 3.13 |
| 50-54 | 618 | 4.17 | 94 | 4.72 | 132 | 4.10 | 62 | 4.10 | 66 | 3.95 | 134 | 3.61 |
| 55-59 | 902 | 6.09 | 162 | 8.13 | 165 | 5.12 | 80 | 5.29 | 122 | 7.29 | 213 | 5.74 |
| 60-64 | 1,097 | 7.41 | 131 | 6.58 | 130 | 4.03 | 89 | 5.89 | 107 | 6.40 | 201 | 5.41 |
| 65-69 | 1,563 | 10.56 | 145 | 7.28 | 139 | 4.31 | 119 | 7.88 | 123 | 7.35 | 251 | 6.76 |
| 70-74 | 1,753 | 11.84 | 105 | 5.27 | 106 | 3.29 | 111 | 7.35 | 149 | 8.91 | 244 | 6.57 |
| 75-79 | 1,739 | 11.75 | 98 | 4.92 | 124 | 3.85 | 120 | 7.94 | 146 | 8.73 | 277 | 7.46 |
| 80-84 | 1,844 | 12.46 | 96 | 4.82 | 158 | 4.90 | 154 | 10.19 | 184 | 11.00 | 347 | 9.35 |
| >85 | 2,807 | 18.96 | 174 | 8.73 | 338 | 10.49 | 364 | 24.09 | 392 | 23.43 | 762 | 20.53 |
| | 14,805 | 100.00 | 1,992 | 100.00 | 3,223 | 100.00 | 1,511 | 100.00 | 1,673 | 100.00 | 3,712 | 100.00 |

*Nota: It-totali huma akbar minħabba li numru ta' persuni għandhom aktar minn diżabilità waħda*

## TABELLA 26

### Statistika Skont id-Diżabilità u l-Età (tfal, adulti u anzjani)

| | Fiżika | % | Prikoloġika | % | Intellettwali | % | Smigħ | % | Vista | % | Aktar minn waħda | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0-16 | 374 | 2.53 | 334 | 16.77 | 564 | 17.50 | 82 | 5.43 | 68 | 4.06 | 393 | 10.59 |
| 17-59 | 3,628 | 24.51 | 909 | 45.63 | 1,664 | 51.63 | 472 | 31.24 | 504 | 30.13 | 1,237 | 33.32 |
| 60+ | 10,803 | 72.97 | 749 | 37.60 | 995 | 30.87 | 957 | 63.34 | 1,101 | 65.81 | 2,082 | 56.09 |
| | 14,805 | 100.00 | 1,992 | 100.00 | 3,223 | 100.00 | 1,511 | 100.00 | 1,673 | 100.00 | 3,712 | 100.00 |

## GRAFIKA 1

### Statistika Skont l-Età




## GRAFIKA 2

### Statistika Skont l-Età matul is-snin



## GRAFIKA 3

### Statistika Skont l-Età matul is-snin




## GRAFIKA 4

### Statistika Skont id-Diżabilità



## GRAFIKA 5

### Statistika Skont l-Età u d-Diżabilità



crpd.org.mt